MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 104/2022 LM

**Jayson Laza**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency**, hawnhekk 'l-appellanta', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tal-25 ta' Lulju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li permezz tagħha l-Bord laqa' l-appell tar-rikorrent **Jayson Laza**, hawnhekk 'l-appellat', irrevoka d-deċiżjoni tal-Aġenzija

intimata tal-20 ta' Jannar, 2022, u konsegwenza t'hekk iddeċieda li l-intimata għandha tkompli tipproċessa l-applikazzjoni tar-rikorrent.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent huwa persuna ta' nazzjonalità Filippina, u ilu jgħix f'Malta minn Diċembru tal-2019. Mill-provi jirriżulta li huwa kellu *Single Permit* li kien validu għall-perijodu bejn it-22 ta' Frar, 2021 u s-27 ta' Frar, 2022. L-impjieg tar-rikorrent ma' Fr Joseph Rapa, u li abbażi tiegħu nħariġlu is-*Single Permit,* ġie tterminat fis-6 ta' Lulju, 2021, u għalhekk l-intimata qieset li minn dakinhar 'il quddiem, il-permess ta' residenza tal-appellat ma baqax validu. Ir-rikorrent ipprova jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, anki għaliex wara t-terminazzjoni ta' dan l-impjieg, huwa sab diversi opportunitajiet ta' xogħol oħra. Eventwalment, ir-rikorrent intavola applikazzjoni għal permess ġdid fl-10 ta' Jannar, 2022. Kien wara li r-rikorrent intavola din l-applikazzjoni l-ġdida, li l-intimata infurmatu, permezz ta' ittra tal-20 ta' Jannar, 2022, li l-applikazzjoni tiegħu kienet qegħda tiġi rifjutata għaliex fiż-żmien meta saret din l-applikazzjoni, ir-rikorrent ma kienx qiegħed jgħix f'Malta b'mod legali.

**Mertu**

3. Permezz tar-rikors tiegħu quddiem il-Bord, ir-rikorrent ilmenta li kuntrarjament għal dak li jiġri f'każijiet oħra, huwa ma ġiex infurmat fl-ittra ta' rifjut, li kellu dritt jappella u x'inhuma t-termini li jrid jonora biex fihom ikun jista' jressaq l-appell tiegħu. Intqal li għalhekk ir-rikorrent ma kienx jaf li kellu dan id-dritt ta' appell, liema dritt ta' appell kellu jiġi eżerċitat fi żmien tliet ijiem

ta' xogħol minn meta rċieva r-rifjut tal-intimata. Fir-rikors tal-appell tiegħu, ir-rikorrent spjega li huwa ilu jgħix Malta minn Diċembru tal-2019, u dak iż-żmien huwa kien impjegat ma' Ozomalta Limited. Qal li eventwalment huwa ġie impjegat bħala *live-in carer* ma' Fr Joseph Rapa, iżda meta Fr Rapa ġie nieqes, ir-rikorrent sab ruħhu mingħajr impjieg. Ir-rikorrent spjega li eventwalment huwa sab opportunità ġdida ta' impjieg ma' ċertu Nicholas Micallef, u intavola applikazzjoni għal dan il-għan fit-8 ta' Lulju, 2021, u mill-irċevuta li ngħata għal din l-applikazzjoni, jirriżulta li l-awtorizzazzjoni *interim* kellha tiskadi fit-8 ta' Ottubru, 2021. Ir-rikorrent spjega li sakemm din l-applikazzjoni tiegħu ġiet ipproċessata mill-intimata, l-impjieg tiegħu ma' Micallef ġie tterminat, iżda sadanittant huwa laħaq sab impjieg ġdid ma' Pamargan Products Malta Limited, u għal dan il-għan ippreżenta applikazzjoni ġdida fit-8 ta' Settembru, 2021. Ir-rikorrent spjega li huwa kien ġie infurmat li seta' jibda jaħdem u fil-fatt beda jaħdem u jirċievi s-salarju. Qal li f'Diċembru tal-2021 huwa ġie infurmat minn Identity Malta li l-prinċipal tiegħu kellu jissottometti għan-nom tiegħu l-applikazzjoni mill-ġdid fi żmien għaxart ijiem. Ir-rikorrent qal li minkejja li huwa talab lid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani tal-prinċipal tiegħu jikkonforma ma' din it-talba, dan kien kollu ta' xejn, u fit-3 ta' Jannar, 2022 ir-rikorrent irċieva *email* li permezz tagħha ġie mgħarraf li s-*Single Work Permit* tiegħu kien qiegħed jiġi irtirat. Ir-rikorrent qal li huwa sab opportunità alternattiva ta' impjieg immedjatament, u għal dan il-għan ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu mill-ġdid fl-10 ta' Jannar, 2022, u anki irċieva *acknowledgment* wara li ssottometta l-applikazzjoni tiegħu mill-ġdid. Qal li għalhekk huwa għamel dak kollu li seta' sabiex jassigura li s-soġġorn tiegħu f'Malta jkun kopert minn *Single Work Permit.* Ir-rikorrent żied jgħid li fl-aħħar mill-aħħar, is-sottomissjoni tal-

applikazzjoni tibqa’ f’idejn min iħaddem, u għalhekk kull irregolarità jew nuqqas ta’ konformità da parti ta’ min iħaddem f’dan ir-rigward m’għandhiex tiġi attribwita lill-applikant, li min-naħa tiegħu għamel dak kollu li seta’ biex l-applikazzjoni tiegħu tiġi pproċessata.

4. Ir-rikorrent qal ukoll li meta persuna tingħata *Single Work Permit,* u għal xi raġuni dan il-permess jiġi revokat, id-detentur ta’ permess bħal dan jingħata perijodu ta’ għaxart ijiem sabiex jirregolarizza l-i*status* tiegħu. Qal li l-impjieg tiegħu ma’ Fr Rapa ġie tterminat fis-6 ta’ Lulju, 2021, u huwa ressaq applikazzjoni ġdida fit-8 ta’ Lulju, 2021. Qal li l-*acknowledgment* formali għal din l-applikazzjoni tgħid li huwa kellu awtorizzazzjoni *interim* biex jibqa’ f’Malta sat-8 ta’ Ottubru, 2021, u l-applikazzjoni l-ġdida tiegħu tressqet fit-8 ta’ Settembru, 2021, jiġifieri qabel l-awtorizzazzjoni *interim* skadiet. Ir-rikorrent qal li kull applikazzjoni li għamel ġiet ippreżentata minnu entro t-terminu ta’ għaxart ijiem li jingħataw l-applikanti sabiex ikunu jistgħu jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom.

5. Ir-rikorrent qal li l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda abbażi tal-artikolu 8(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Qal li mid-dati mogħtija minnu għandu jirriżulta li huwa dejjem aġixxa biex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu entro t-terminu ta’ għaxart ijiem konċess lill-applikanti, u għalhekk kellu jirriżulta lill-intimata li huwa dejjem fittex li jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu skont il-liġi. Qal li għalhekk mhuwiex ċar għal liema raġuni huwa ġie mgħarraf li l-pożizzjoni tiegħu hija waħda irregolari *ai termini* tas-sub-Regolament 8 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Ir-rikorrent spjega li l-applikazzjonijiet tiegħu dejjem saru waqt li huwa kien fit-territorju Malti legalment, u fi kwalunkwe każ għandu

jirriżulta li huwa qatt ma kiser l-imsemmija disposizzjoni tal-liġi. Ir-rikorrent għamel riferiment għall-artikolu 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.04, li jgħid li ċittadini ta' pajjiżi terzi bħalu li jinsabu fil-pussess ta' permess ta' residenza, jew li l-permess tagħhom qiegħed jiġi pproċessat, għandhom dritt jirrisjedu f'Malta. Qal li huwa ressaq l-applikazzjoni għal *Single Work Permit* fi żmien ftit ġranet mit-terminazzjoni tal-impjieg preċedenti tiegħu, jew entro t-terminu ta' awtorizzazzjoni *interim* maħruġa minn Identity Malta.

6. Min-naħa tagħha l-intimata wieġbet li skont is-sub-artikolu 25A (7) tal-Kap. 217, appell mid-deċiżjoni tagħha kellu jiġi intavolat fi żmien tliet ijiem ta' xogħol minn meta ngħatat id-deċiżjoni. Qalet li hija tat id-deċiżjoni tagħha fl-20 ta' Jannar, 2022, iżda l-appell tar-rikorrent quddiem il-Bord ġie ippreżentat fis-27 ta' Jannar, 2022, jiġifieri wara li skada ż-żmien mogħti mil-liġi. L-intimata qalet li fl-20 ta' Jannar, 2022, hija ħarġet ittra li permezz tagħha infurmat lir-rikorrent li l-applikazzjoni tiegħu kienet qegħda tiġi rifjutata u dan peress li ġie stabbilit li huwa kien qiegħed f'Malta illegalment, skont dak li jipprovdi s-sub-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Spjegat li r-rikorrent ingħata *Single Work Permit* fl-24 ta' Frar, 2021 abbażi tal-impjieg tiegħu ma' Fr Joseph Rapa, liema permess kien validu sas-27 ta' Frar, 2022. Qalet li dan l-impjieg ġie tterminat, kif jirriżulta minn *email* li JobsPlus bagħtet lill-Identity Malta fil-11 ta' Lulju, 2021, u għalhekk il-permess li kellu r-rikorrent ġie tterminat għaliex ir-raġunijiet li abbażi tagħhom inħareġ dan il-permess ma kinux għadhom jissussistu. Qalet ukoll li fit-28 ta' Marzu, 2021, ir-rikorrent intavola applikazzjoni sabiex jingħata permess ġdid wara li kien ser jibda jaħdem ma' Pamargan Products (Malta) Limtied, iżda dan il-permess qatt ma nħareġ mill-intimata għaliex l-applikazzjoni ġiet ikkanċellata fit-3 ta' Jannar,

2022. L-intimata spjegat li r-rikorrent intavola applikazzjoni ġdida fl-10 ta' Jannar, 2022, u għalhekk din l-applikazzjoni ġiet intavolata ħames xhur wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ma' Fr Rapa. Qalet ukoll li minflok irrifjutat l-applikazzjoni tar-rikorrent, hija ħadet ħsieb li tagħmel il-verifiki tagħha mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, iżda wara li saret evalwazzjoni ta' dan il-każ ġie deċiż li l-applikazzjoni tar-rikorrent għandha tiġi rifjutata. L-intimata qalet li fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, l-appell intavolat mir-rikorrent għandu jiġi ddikjarat null.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

7. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-25 ta' Lulju, 2022, il-Bord laqa' l-appell tar-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***Preliminary***
>
> *The Board:*
>
> *Saw that in virtue of a decision dated 20th January, 2022, Identity Malta Agency stated that at the time it was submitted, the appellant was not legally present in Malta or legally present elsewhere in the European Union, and consequently fell foul of Regulation 8 of S.L. 217.17;*
>
> *Saw that an appeal was registered on 27th January, 2022; and*
>
> *Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 23rd March, 2022.*
>
> ***2. Submissions filed, evidence produced and considerations***
>
> *The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board referes to the judgment of the Court of Appeal **Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et** (decided on 6th February, 2015) in which it was*

*held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is ultimately up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Agency filed a reply in which it stated that the appellant worked for Fr Joseph Rapa and had a Single Permit valid between 24th February, 2021 and 27th February, 2022. However, employment was terminated on 11th July, 2021. Therefore, the Single Permit's validity ended, as the scope for which it had been issued had ceased to exist.*

*The Agency explained that on 28th March, 2021, (when the previously described Single Permit was still valid), the appellant had applied for a fresh Single Permit so he could work for Pamargan Products Malta Limited. However, the application was cancelled on 3rd January, 2022.*

*Then, the appellant lodged another application on 10th January, 2022.*

*The Agency argues that between the effective date of employment (on 11th July, 2021) and the submission of a fresh application (on 10th January, 2022), several months had elapsed, during which he was allegedly illegally present.*

*The Board disagrees with the Agency's interpretation of events.*

*It is not contested that between 24th February, 2021 and 11th July, 2021, the appellant had a valid Single Permit. That permit, however, fell through on 11th July, 2021, as that was the last effective day of employment with Fr Joseph Rapa.*

*However, the Board considers that as the appellant had an active pending application between 28th March, 2021 and 3rd January, 2022, he was legally present in Malta on the strength of the pending application. This is being stated as when there is a pending application, the Agency issues a receipt, colloquially known as a "blue paper", in which it is stated that the individual concerned is authorised to reside in Malta until such time as the application is decided. Furthermore, the "blue paper" is routinely renewed by Agency personnel.*

*When the application fell through, on 3rd January, 2022, only seven days passed before the appellant lodged a fresh application on 10th January, 2022.*

***3. <u>Decision</u>***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board accepts the appeal and revokes the Agency's decision. Consequently, the Agency is to resume processing the appellant's application, untainted by any allegation of illegal stay.*

*The Board orders that the decision be served on the parties."*

## L-Appell

8. L-intimata, hawnhekk appellanta, appellat minn din id-deċiżjoni tal-Bord permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fid-29 ta' Lulju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tordna lill-Bord jieħu deċiżjoni mill-ġdid skont il-konsiderazzjonijiet li qegħda tintalab tagħmel din il-Qorti, u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

9. L-appellanta spjegat li l-mertu tal-appell odjern hija l-applikazzjoni intavolata mill-appellat fl-10 ta' Jannar, 2022, sabiex jingħata permess ġdid. Qalet li meta għamlet il-verifiki neċessarji, irriżulta li l-applikant, fil-mument meta ppreżenta l-applikazzjoni tiegħu, kien jinsab f'Malta illegalment, għaliex kien ilu li ttermina l-impjieg madwar sitt xhur. Qalet li għalhekk hija ma kellha l-ebda għażla għajr li tiċħad l-applikazzjoni tal-appellat *ai termini* tal-artikolu 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. L-appellanta kompliet tgħid li hija m'għandhiex il-mansjoni li tirregolarizza l-pożizzjoni illegali tal-immigranti, iżda *ex gratia* hija ressqet il-każ tal-appellat quddiem l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, li wara li kkonsidra l-każ, xorta waħda ma rregolarizzax il-pożizzjoni tal-appellat. L-appellanta qalet li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord għaliex fl-ewwel lok, it-terminu impost fl-artikolu 25A(7) tal-Kap. 217 ma ġiex rispettat, u għalhekk l-appell intavolat mill-appellat quddiem il-Bord kien tardiv. L-appellanta saħqet ukoll li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 u tad-data tal-applikazzjoni tal-appellat.

10. L-appellanta qalet li l-artikolu 25A(7) tal-Kap. 217 jipprovdi li kull appell għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Bord fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-deċiżjoni li tkun suġġetta għall-appell, filwaqt li l-perijodu applikabbli għall-preżentazzjoni ta' appell li jkun marbut mar-rifjut, l-annullament jew ir-revoka ta' viża għandu jkun ta' ħmistax-il ġurnata. Qalet li fil-każ odjern, l-appell tal-appellat ġie intavolat fis-27 ta' Jannar, 2022, filwaqt li d-deċiżjoni tagħha kienet ingħatat fl-20 ta' Jannar, 2022, u għalhekk it-tliet ijiem ta' xogħol mid-data tad-deċiżjoni kienu laħqu għaddew. L-appellanta qalet li minkejja li hija ressqet din l-eċċezzjoni quddiem il-Bord, il-Bord baqa' ma ħa l-ebda konjizzjoni tagħha fid-deċiżjoni tiegħu.

11. L-appellanta qalet ukoll li hija ma setgħet qatt tilqa' l-applikazzjoni tal-appellat, u dan minħabba f'dak li jipprovdi r-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, liema liġi ttrasponiet id-Direttiva 2011/98/UE dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, liema Direttiva fl-Artikolu 4(1) tagħha tgħid li l-applikant irid ikun qiegħed jirrisjedi legalment fi Stat Membru sabiex jintavola l-applikazzjoni. Qalet li hija m'għandhiex il-mansjoni li tirregolarizza l-pożizzjoni irregolari tal-immigranti, iżda fil-każ odjern hija ressqet il-każ quddiem l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, li ddeċieda li l-pożizzjoni tal-applikant m'għandhiex tiġi regolarizzata. Qalet ukoll li l-Bord m'għamilx smigħ orali u għalhekk ma kienx hemm l-opportunità li jitressqu xhieda quddiemu. Qalet li ladarba l-applikazzjoni odjerna ġiet intavolata minn ċittadin ta' pajjiż terz li kien jinsab f'Malta illegalment, u ladarba la l-liġi Maltija u lanqas id-Direttiva 2011/98/UE

ma jagħtu eżenzjoni minn din ir-regola, hija kienet korretta meta ma laqgħetx l-applikazzjoni tal-appellat. Qalet ukoll li l-Bord ikkonsidra li proċess pendenti ta' ġbir ta' dokumenti sat-3 ta' Jannar, 2022 jagħmel il-pożizzjoni tal-appellat waħda regolari. Qalet li fil-liġi hemm distinzjoni bejn l-applikazzjoni nnifisha u d-dokumenti annessi magħha, u għalhekk l-intavolar ta' dokumenti fis-sistema ma jfissirx li l-applikazzjoni għandha titqies li hija lesta u finali. Qalet li din ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur, u għalhekk hija ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-Bord. Finalment l-appellanta qalet li anki li kieku kellu jitqies li l-appellat kien qiegħed hawn Malta b'mod legali sat-3 ta' Jannar, 2022, meta ġiet ikkanċellata l-applikazzjoni preċedenti, xorta waħda jibqa' l-fatt li meta ġiet intavolata l-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell, l-appellant kien qiegħed hawn Malta illegalment.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

12. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li d-deċiżjoni tal-Bord hija ġusta u timmerita konferma. Spjega li filwaqt li l-appellanta tgħid li huwa kien tardiv fl-intavolar tal-appell tiegħu, peress li hija tat id-deċiżjoni tagħha fl-20 ta' Jannar, 2022 u l-appell tiegħu ġie ppreżentat fis-27 ta' Jannar, 2022, l-appellanta naqset milli tissostanzja dak allegat minnha billi ġġib prova dwar meta huwa ġie mgħarraf bid-deċiżjoni appellata. L-appellat qal li d-deċiżjonijiet tal-intimata ma jingħatawx pubblikament, u għalhekk id-deċiżjoni tiġi mgħarrfa lill-persuni kkonċernati bil-posta jew permezz ta' *email.* Qal li l-mod kif dawn id-deċiżjonijiet qegħdin jingħataw huwa differenti mill-mod kif jingħataw id-deċiżjonijiet mill-Qrati/Tribunali regolati mill-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ladarba deċiżjoni ma tingħatax fil-pubbliku iżda tiġi trasmessa permezz ta' mezzi

differenti bil-posta jew b'*email,* xi drabi diversi jiem wara d-data tad-deċiżjoni, ma jkunx possibbli li wieħed jistrieħ fuq id-data tad-deċiżjoni, iżda t-terminu għandu jibda jgħaddi mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni in kwistjoni. L-appellat hawnhekk staqsa x'għandha tagħmel persuna li tiġi notifikata bid-deċiżjoni ta' Identity Malta wara li jgħaddi t-terminu ta' tliet ijiem mid-data tad-deċiżjoni. L-appellat qal li l-intimata naqset milli tonora l-prinċipju li min jallega jrid jipprova, hekk kif naqset li ġġib prova dwar l-allegazzjoni tagħha li l-appell intavolat mill-appellat kien wieħed tardiv, jew li huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni dakinhar stess li ngħatat. Qal ukoll li huwa ma ngħata l-ebda opportunità sabiex jipprova meta huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni, u li fil-proċeduri mħaddma huwa ma ngħata l-ebda opportunità prattika sabiex jagħmel sottomissjonijiet ulterjuri jew jippreżenta provi rigward eċċezzjonijiet preliminari li jiġu mqajma, kif ġara fil-każ odjern.

13. B'riferiment għat-tieni aggravju sollevat mill-appellanta, l-appellat qal li l-appellanta naqset milli tispjega b'liema mod il-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi, u naqset milli tispjega wkoll kif dan l-aggravju mqajjem minnha jirrigwarda punt ta' liġi u mhux punt ta' fatt. Qal li din il-Qorti tal-Appell bħala Qorti ta' reviżjoni għandha tieħu konjizzjoni biss ta' punt ta' liġi u mhux punti ta' fatt, u għalhekk m'hemmx lok li jerġa' jiġi evalwat u/jew apprezzat il-mertu tal-każ stante li dan huwa apprezzament li jista' jsir biss mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. L-appellat għamel riferiment ukoll għat-talba tal-appellanta sabiex din il-Qorti tisma' x-xhieda tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jew ta' uffiċjal ieħor mill-istess dipartiment, u qal li dawn ix-xhieda m'għandhomx jinstemgħu minn din il-Qorti ta' reviżjoni. L-appellat qal li fi kwalunkwe każ ma jistax jingħad li kien hemm ksur tal-artikolu 8 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17,

għaliex l-applikazzjonijiet tiegħu dejjem ġew imressqa waqt li huwa kien qiegħed jirrisjedi legalment ġewwa Malta. Qal li huwa dejjem applika għal *Single Work Permit* ġdid fi żmien għaxart ijiem mit-terminazzjoni tal-impjieg preċedenti u f'perijodi awtorizzati mill-appellanta għal dan l-iskop. Spjega li huwa ilu impjegat f'Malta minn Diċembru tal-2019, l-ewwel ma' Ozomalta Limited, u mbagħad ma' Fr Joseph Rapa, u l-impjieg tiegħu ġie tterminat meta ġie nieqes Fr Rapa fis-6 ta' Lulju, 2021. L-appellat qal li fit-8 ta' Lulju, 2021, huwa sab impjieg ġdid ma' Nicholas Micallef, u għalhekk l-applikazzjoni l-ġdida ġiet intavolata fl-istess ġurnata. Qal li fl-ittra formali li rċieva mingħand l-appellanta huwa ġie nfurmat li *"This interim authorisation shall lapse on 08/10/2021"* u li sakemm din l-applikazzjoni ġiet ipproċessata, l-impjieg li kellu ġie tterminat. Qal li huwa sab impjieg ġdid fit-8 ta' Settembru, 2021 u għalhekk intavola applikazzjoni ġdida fl-istess ġurnata, fil-perijodu tal-*interim authorisation* mogħtija minn Identity Malta. Qal li minkejja li huwa beda jaħdem mal-kumpannija Pamargan Product Malta Limited fit-8 ta' Settembru, 2021, huwa ġie infurmat li kellu jissottometti applikazzjoni ġdida fi żmien għaxart ijiem. Qal li huwa informa b'dan lid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani tal-*prospective employer* tiegħu, iżda li dan kien kollu ta' xejn, sakemm eventwalment huwa ġie nfurmat li s-*Single Work Permit* tiegħu ġie revokat fit-3 ta' Jannar, 2022. Qal li għal darb'oħra huwa immedjatament sab impjieg ieħor, din id-darba ma' CT Park Limited, u ippreżenta applikazzjoni ġdida fl-10 ta' Jannar, 2022, iżda din l-applikazzjoni ġiet rifjutata. L-appellat qal li għalhekk għandu jirriżulta li huwa dejjem ħadem f'Malta b'mod legali u fl-ebda stadju ma jista' jingħad li kien hemm xi ksur tal-artikolu 8 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

14. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Bord fid-deċiżjoni tiegħu, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-appellat.

*L-ewwel aggravju: it-tardività tar-rikors tal-appell tal-appellat*

15. L-appellanta tibda billi tgħid li l-Bord ma messux aċċetta r-rikors tal-appell ippreżentat quddiemu mill-appellat, u dan għaliex meta l-appellat ressaq l-appell tiegħu quddiem il-Bord, kienu laħqu għaddew it-tliet ijiem ta' xogħol minn meta hija tat id-deċiżjoni li permezz tagħha ġiet rifjutata l-applikazzjoni tal-appellat. Filwaqt li d-deċiżjoni ta' rifjut tal-appellanta ngħatat fl-20 ta' Jannar, 2022, l-appell tal-appellat quddiem il-Bord ġie intavolat fis-27 ta' Jannar, 2022.

16. Il-Qorti tibda billi tirrileva, kif diġà għamlet drabi oħra, li f'każijiet bħal dawn huwa diffiċli ferm għall-Qorti, u għall-Bord qabilha, li tiddetermina l-applikant meta ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-appellanta, u dan għaliex deċiżjonijiet bħal dawn ma jingħatawx fil-miftuħ, iżda jingħataw fil-forma ta' ittra li tintbagħat lill-applikant bil-posta. Huwa minnu li l-liġi timponi terminu ta' tliet ijiem ta' xogħol mid-data tad-deċiżjoni u mhux mid-data tan-notifika tagħha, iżda quddiem ċirkostanzi bħal dawn il-Qorti għandha obbligu li tħares l-għanijiet li għalihom ġew ippromulgati ċerti liġijiet. Applikant li ma jiġix notifikat bid-deċiżjoni tal-appellanta mogħtija fil-konfront tiegħu fi żmien tliet ijiem ta' xogħol ma jistax jappella minn dik id-deċiżjoni fit-terminu stabbilit mil-liġi. Dan

m'għandux ifisser li applikant li qiegħed jitlob awtorizzazzjoni biex ikun jista' jgħix u jaħdem f'Malta, u li għalhekk qiegħed jitlob li tittieħed deċiżjoni li ser taffettwa l-futur immedjat tiegħu għal perijodu ta' żmien, ikun tilef id-dritt li jappella minn dik id-deċiżjoni. Il-Qorti tqis li ladarba l-appellanta ma resqitx prova dwar meta l-appellat ġie notifikat bid-deċiżjoni tagħha, l-appell m'għandux jiġi miċħud fuq il-bażi tat-tardività, aktar u aktar meta l-appellat ma ngħata l-ebda opportunità jressaq il-provi tiegħu dwar id-data meta huwa ġie notifikat u/jew infurmat bid-deċiżjoni. Fir-rikors tal-appell imressaq minnu quddiem il-Bord, l-appellat qal li fl-ittra mibgħuta lilu huwa ma ġiex infurmat li għandu dritt jappella mid-deċiżjoni, jew li hemm terminu *entro* meta jrid jappella, u għalhekk il-Qorti trid tikkonsidra ċ-ċirkostanzi li sab ruħhu fihom l-applikant, li meta kien iffaċċjat bl-ittra mibgħuta lilu mill-appellanta, kellu jfittex parir legali sabiex jara jekk setax jagħmel xi ħaġa biex din id-deċiżjoni tingħeleb. L-appellanta naqset milli tinforma lill-appellat b'dan id-dritt bażiku tiegħu li jista' jappella, u minflok ordnatlu jħalli ż-Żona Schengen mingħajr dewmien. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanta mhuwiex ġustifikat u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *Il-Bord għamel apprezzament żbaljat tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17*

17. L-appellanta issostni li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, liema Regolament ittraspona d-Direttiva 2011/98/UE, li jgħid li applikant irid ikun qiegħed fit-territorju ta' Stat Membru legalment sabiex jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu. L-appellanta żiedet tgħid li hija m'għandhiex il-mansjoni li tirregolarizza l-

pożizzjoni irregolari li jistgħu jkunu fiha l-immigranti. Imma minkejja dan hija xorta waħda resqet dan il-każ quddiem l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex tara jekk il-pożizzjoni tal-appellat tistax tiġi regolarizzata. Kompliet tgħid li l-fatt li l-appellat laħaq tella' xi dokumenti fis-sistema in sostenn tal-applikazzjoni tiegħu m'għandux jitqies bħallikieku dan daħħal applikazzjoni kompluta, u huwa għalhekk li l-perijodu bejn it-8 ta' Lulju, 2021, li hija d-data meta effettivament l-impjieg li għalih l-appellat kien kopert b'*Single Work Permit* ġie tterminat, u l-10 ta' Jannar, 2022, għandu jitqies bħala perijodu li fih l-appellat kien qiegħed f'Malta illegalment.

18. Il-Qorti tqis li mill-atti jirriżulta li l-impjieg li l-appellat kellu ma' Fr Joseph Rapa ġie fi tmiemu fis-6 ta' Lulju, 2021, stante li Fr Rapa ġie nieqes u l-appellat kien impjegat miegħu bħala *live-in carer.* Mill-atti jirriżulta wkoll li l-appellat kellu diversi opportunitajiet oħra ta' xogħol, u għal kull opportunità ta' xogħol li ngħata, huwa dejjem ipprova jirregolarizza l-i*status* tiegħu mal-appellanta. Dan huwa dak li jirriżulta mid-dokumenti esebiti mill-appellanta stess, hekk kif id-dokument immarkat 'IMA3' juri d-diversi *logs* li saru fuq il-kont tal-appellat fir-rigward tad-diversi applikazzjonijiet ippreżentati minnu. Jirriżulta għalhekk li dak li ġie allegat mill-appellat li kull darba li huwa biddel l-impjieg, huwa dejjem ipprova jirregolarizza l-i*status* tiegħu mal-appellanta billi daħħal applikazzjoni ġdida, ġie ippruvat. Din il-Qorti tisħaq ukoll fuq il-fatt li l-applikazzjoni biex impjegat jirregolarizza l-i*status* tiegħu mal-appellanta, ma tiddependix fuq l-individwu li japplika għal tali permess, iżda tiddependi fuq l-*employer* prospettiv, u għalhekk irrispettivament mil-livell ta' interess muri mill-appellat fl-applikazzjoni tiegħu, din tibqa' dejjem suġġetta għall-azzjoni tal-*employer* prospettiv biex jiġi assigurat li l-applikazzjonijiet f'isem l-applikant jiddaħħlu fil-

ħin. Mit-*timelines* mogħtija mill-appellat, jirriżulta li huwa dejjem għamel dak kollu li seta' biex is-sitwazzjoni tiegħu tiġi regolarizzata entro t-termini mogħtija mil-liġi. Barra minnhekk, għal ċertu perijodu ta' żmien l-appellanta kienet tikkonċedi *ex gratia* terminu ta' għaxart ijiem li ma joħroġx mil-liġi sabiex applikant jirregolarizza l-i*status* tiegħu wara t-terminazzjoni ta' impjieg. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti hija tal-fehma li fl-ebda waqt l-appellat ma kellu jitqies li kien qiegħed hawn Malta illegalment. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li anki t-tieni aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**